

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Iżvilupp

2007/0209(CNS)

29.1.2008

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għas-Sajd

dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Ginea-Bissaw
(COM(2007)0580 – C6-0391/2007 – 2007/0209(CNS))

Rapporteur għal opinjoni: Josep Borrell Fontelles

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-politika ta' koperazzjoni għall-iżvilupp ta' l-Unjoni Ewropea u l-politika komuni għas-sajd (CFP) iridu jkunu konsistenti, komplimentari u koordinati, u flimkien jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-faqar fil-pajjiżi konċernati kif ukoll għall-iżvilupp sostenibbli tagħhom.

L-UE impenjat ruħha biex tiżgura s-sostenibilità tas-sajd madwar id-dinja, kif definit fil-laqgħa għolja tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-2002 f'Johannesburg, filwaqt li żżomm jew terġa' tistabbilixxi livelli ta' stokk bil-ħsieb li jintlaħaq l-ammont massimu ta' produzzjoni sostenibbli.

L-UE aċċettat il-"Kodiċi ta' Kondotta għal Sajd Responsabbli" ta' l-Organizzazzjoni ta' l-Ikel u l-Agricoltura tan-NU, li tippromovi sajd sostenibbli fit-tul u li tafferma li d-dritt li wieħed jistad iġorr miegħu d-dmir li wieħed jagħmel dan b'mod responsabbli biex jiġu żgurati l-konservazzjoni u l-immaniġġjar effettiv tar-riżorsi haġjin tal-baħar.

Il-preżenza ta' l-UE f'żoni ta' sajd imbiegħda hija objettiv leġittimu, iżda wieħed irid iżomm f'moħħu li l-interess tas-sajd ta' l-Unjoni Ewropea għandu jkun protett flimkien ma' l-interess ta' l-iżvilupp tal-pajjiżi li magħhom jiġu ffirmati l-ftehimiet dwar is-sajd.

Il-Kumitat għall-Iżvilupp tal-Parlament Ewropew jilqa' b'sodisfazzjon ir-risoluzzjoni adottata fl-Assemblea Parlamentari Konġunta ACP/UE tat-22 ta' Ġunju 2006 dwar "is-Sajd u l-aspetti soċjali u ambjentali tiegħu fil-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw", b'mod partikolari meta wieħed iqis li l-protezzjoni ta' l-interessi tas-sajd ta' l-UE u ta' l-ACP trid tkun koordinata ma' l-immaniġġjar sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd f'sens ekonomiku, soċjali u ambjentali min-naħa l-waħda, u ma' l-għajxien tal-komunitajiet kostali li jiddependu fuq is-sajd min-naħa l-oħra.

Il-Kumitat għall-Iżvilupp tal-Parlament Ewropew ikompli jisħaq dwar ir-referenza mniżżla fil-Ftehim ta' Sħubija tas-Sajd ta' l-ACP-UE biex tiġi rispettata l-Ftehim ta' Cotonou; jinsisti li trid tingħata konsiderazzjoni sħiħa għall-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Cotonou dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji demokratiċi, il-governanza tajba u l-istat tad-dritt, u jilqa' b'sodisfazzjon il-garanziji mogħtija mis-servizzi tal-Kummissjoni sakemm dawn jagħtu kas tal-kontenut ta' l-Artikolu 9 meta jiġu nnegozzjati ftehimiet ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw, inklużi dawk li mhumiex fl-ACP.

Il-ftehim proposta ser tħassar u tiegħu post il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Ginea-Bissaw li daħlet fis-seħħ fid-29 ta' Awwissu 1980.

Il-Protokoll u l-Anness ġew konklużi għal perjodu ta' erba' snin mid-data li fiha jitlestew il-proċeduri xierqa ta' adozzjoni. Din il-ftehim terġa' tiġġedded għall-perjodu ta' sitt snin b'mod taċitu.

Il-Protokoll għall-ftehim proposta jagħti l-possibilità ta' sajd lil 23 skuna tat-tonn li jistadu bit-tartarun u bil-konz tal-wieċ minn Spanja, Franza u l-Portugal, u 14-il skuna "pole-and line" minn Spanja u Franza, suġġetti għal total ta' 37 liċenzja.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja hija stabbilita għal 7 miljun ewro fis-sena. Kontribuzzjoni

speċifika addizzjonali li tammonta għal EUR 500 000 fis-sena hija wkoll maħsuba primarjament biex isir titjib fil-kundizzjonijiet sanitarji u iġjeniċi tal-prodotti tas-sajd. Madankollu, din il-kontribuzzjoni tista' wkoll tintuża sabiex tappoġġa l-azzjonijiet ta' monitoraġġ u sorveljanza.

Il-Kumitat għall-Iżvilupp tal-Parlament Ewropew jilqa' b'sodisfazzjon ir-referenza għall-inizjattivi nazzjonali u jittama li dawn jinkludu xi forma ta' ffinanzjar għal proġetti ta' infrastruttura lokali ta' l-ipproċessar u l-bejgħ tal-ħut biex jgħinu lill-popolazzjoni lokali tmur lil hinn mis-sajd għall-għajxien ta' kuljum.

Il-Kumitat għall-Iżvilupp tal-Parlament Ewropew jilqa' wkoll b'sodisfazzjon il-fatt li l-ftehim qad tipproponi miżuri ta' appoġġ għall-immonitorjar, il-kontroll u s-sorveljanza tas-sajd u li tinkoraġġixxi koperazzjoni xjentifika u teknika ma' l-awtoritajiet lokali. Ir-risoluzzjoni UE/ACP, imsemmija hawn fuq, tqis li analiżi xjentifika tar-riżorsi trid tkun kundizzjoni minn qabel għall-aċċess għas-sajd, u li l-analiżi annwali tar-riżorsi għandha tkun waħda mill-kundizzjonijiet biex ikunu akkwistati aktar permessi għas-sajd.

Il-Kumitat għall-Iżvilupp tal-Parlament Ewropew ma japprovax il-proċedura adottata għal din il-ftehim għaliex il-Parlament Ewropew kellu jkun involut fil-mandat tan-negozjati, li l-Kunsill ikun baġat lill-Kummissjoni u li għalhekk kien ikun infurmat bl-iżvilupp tan-negozjati.

Il-Parlament ġie kkonsultat dwar il-ftehim proposta f'Novembru 2007, ħames xhur wara li l-ftehim ġiet inizzjalata, bil-għan li tidħol fis-seħħ fis-16 ta' Ġunju 2007. Il-Parlament, filwaqt li jinnota d-dewmien iqsar meta mqabbel ma' Ftehimiet simili ta' qabel, għandu joġġezzjona u għandu jinsisti li din il-proċedura mhix aċċettabbli.

Il-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom jilhqqu ftehim dwar dawk il-kundizzjonijiet li jagħtu lill-Parlament opportunità vera li jkun ikkonsultat. Fin-nuqqas ta' dan, il-Kumitat dwar is-Sajd għandu jagħti bidu għar-reazzjoni tal-Parlament għall-istatus quo attwali, inkluża l-possibilità li jivvota kontra ftehimiet tas-sajd ippreżentati skond il-proċedura preżenti.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għas-Sajd, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Test propost mill-Kummissjoni¹

Emendi tal-Parlament

Emenda 1
Premessa 2 a (ġdida)

(2a) Il-kumpens finanzjarju tal-Komunità għandu jintuża għall-iżvilupp tal-

¹ Għadu mhux ippubblikat fil-ĠU.

*popolazzjonijiet ta' sajjeda li joqogħdu
mal-kosta u sabiex jinħolqu industriji
lokali żgħar għall-iffriżar u l-ipproċessar
tal-ħut;*

PROĊEDURA

Titolu	Ftehma ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-KE u r-Repubblika tal-Ginea-Bissaw
Referenzi	COM(2007)0580 – C6-0391/2007 – 2007/0209(CNS)
Kumitat responsabbli	PECH
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	DEVE 25.10.2007
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Josep Borrell Fontelles 5.11.2007
Data ta' l-adozzjoni	29.1.2008
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 32 –: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Thijs Berman, Josep Borrell Fontelles, Marie-Arlette Carlotti, Corina Crețu, Ryszard Czarnecki, Nirj Deva, Koenraad Dillen, Fernando Fernández Martín, Alain Hutchinson, Romana Jordan Cizelj, Madeleine Jouye de Grandmaison, Filip Kaczmarek, Glenys Kinnock, Maria Martens, Gay Mitchell, Luisa Morgantini, Horst Posdorf, José Ribeiro e Castro, Toomas Savi, Frithjof Schmidt, Jürgen Schröder, Feleknas Uca, Johan Van Hecke, Jan Zahradil
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Sorin Frunzäverde, Miguel Angel Martínez Martínez, Manolis Mavrommatis, Atanas Papanizov, Anne Van Lancker, Ralf Walter, Renate Weber
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Catherine Neris